Il-Kummissjoni Ewropea

# Seba' passi biex in-negozji



## jħejju lilhom infushom għar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data

*Ġustizzja u Konsumaturi*

# Dan għal min hu?

**Din il-gwida għandha l-għan li tgħin lil dawk il-kumpaniji li jittrattaw id-data personali bħala attività ta' negozju ewlenija, bħall-SMEs li prinċipalment jittrattaw id-data personali tal-impjegati tagħhom jew ikollhom listi ta' klijenti. Pereżempju, dan jinkludi kummerċjanti jew ħwienet, bħal forn jew ħanut tal-laħam, jew fornituri ta' servizzi bħal periti. Din il-gwida tenfasizza l-ftit passi li jridu jittieħdu bħala parti mit-tħejjija għall-GDPR.**

Data personali hija kull informazzjoni li tirrelata ma' individwu ħaj (mhux entitajiet legali). Pereżempju, din tinkludi: l-isem, il-kunjom, l-indirizz tad-dar, l-indirizz tal-email, jew id-data dwar il-lokalizzazzjoni mill-mappa ta' fuq il-mowbajl tiegħek. Tipikament, dan ikun il-każ għad-data li inti jista' jkollok dwar l-impjegati, il-klijenti jew il-fornituri tiegħek.

Inqas ma' l-attivitajiet tiegħek jippreżentaw riskju għad-data personali, inqas għandek x'tagħmel

## Applika l-prinċipji ewlenin:

- **iġbor id-data personali bi skop iddefinit b'mod ċar, u tużahiex għal skop ieħor** (jekk titlob l-indirizz tal-email lill-klijenti biex huma jkunu jistgħu jirċievu offerti jew promozzjonijiet ġodda, la tista' tuża dan l-indirizz tal-email għal skop ieħor u lanqas tista' tbiegħu lil negozju ieħor).
- **tiġborx aktar data milli teħtieġ** (jekk pereżempju inti twassal il-konsenji fid-djar, inti teħtieġ indirizz u isem fuq il-qanpiena, iżda ma teħtieġx tkun taf jekk din il-persuna hijiex miżżewġa jew waħidha) - sempliċiment kun konxju mid-data personali fil-kontroll tiegħek.

## PASS 1 — IĊĊEKKJA D-DATA PERSONALI LI TIĠBOR U TIPPROĊESSA, L-ISKOP GĦALFEJN INTI TAGĦMEL DAN, U FUQ LIEMA BAŻI ĠURIDIKA

Inti għandek l-**impjegati**; qed tipproċessa d-data personali tagħhom ibbażat fuq il-kuntratt ta' impjieg u fuq obbligi legali (eż. rappurtar lill-awtoritajiet tat-taxxa / lis-sistema soċjali).

Inti tista' timmaniġġja lista ta' **klijenti individwali**, pereżempju biex tibgħatilhom avviż dwar offerti speċjali/riklami jekk tkun ksibt il-kunsens ta' dawn il-klijenti.

Inti mhux dejjem teħtieġ il-kunsens. Jeżistu każijiet fejn l-individwi jistennew li inti tipproċessa d-data tagħhom. Pereżempju, bħala bejjiegħ tal-pizez inti tista' tipproċessa l-indirizz tal-konsenja biex tirriklama wieħed mill-prodotti ġodda tiegħek. Dan jissejjaħ interess leġittimu. Inti trid tinforma lill-individwi dwar l-intenzjonijiet tiegħek u tieqaf tipproċessa din id-data jekk jgħidulek biex tagħmel dan.

Jekk inti timmaniġġja lista ta' **fornituri** jew **klijenti tan-negozju**, inti tagħmel dan fuq il-bażi tal-kuntratti li għandek magħhom. Il-kuntratti mhux bilfors ikunu bil-miktub.

## PASS 2 — INFORMA LILL-KLIJENTI U L-IMPJEGATI TIEGĦEK, KIF UKOLL LIL INDIVIDWI OĦRA META TIĠBOR ID-DATA PERSONAL TAGĦHOM

L-individwi jridu jkunu jafu li inti tipproċessa d-data tagħhom u għal liema skop tagħmel dan.

Iżda mhemmx għalfejn tinforma lill-individwi meta huma diġà jkollhom informazzjoni dwar kif inti se tuża d-data, pereżempju, meta klijent jitolbok twassallu konsenja d-dar tiegħu.

Fuq talba tagħhom, inti trid tinforma wkoll lill-individwi dwar id-data personali li għandek dwarhom u tagħtihom aċċess għad-data tagħhom. Żomm id-data tiegħek organizzata, biex meta pereżempju impjegat jistaqsik dwar x'tip ta' data personali għandek, inti tkun tista' tipprovdiha faċilment mingħajr wisq tbatija.

## PASS 3 — ŻOMM ID-DATA PERSONALI GĦALL-PERJODU LI TKUN TEĦTIEĠHA BISS

**Data dwar l-impjegati tiegħek:** żommha sa tmiem ir-relazzjoni tax-xogħol u l-obbligi legali relatati.

**Data dwar il-klijenti tiegħek:** żommha sa tmiem ir-relazzjoni mal-klijenti u l-obbligi legali relatati (pereżempju għall-finijiet tat-taxxa).

**Ħassar id-data meta ma tkunx għadha meħtieġa għall-iskopijiet li inti tkun ġbartha.**

## PASS 4 — ŻOMM SIKURA D-DATA PERSONALI LI TKUN QED TIPPROĊESSA

Jekk inti taħżen id-data fuq **sistema tal-IT**, illimita l-aċċess għall-fajls li jkun fihom id-data, eż. permezz ta' password. Aġġorna b'mod regolari l-konfigurazzjonijiet tas-sigurtà tas-sistema tiegħek.

*(Innota: il-GDPR ma jippreskrivix l-użu ta' xi sistema tal-IT speċifika)*

Jekk inti taħżen dokumenti fiżiċi flimkien mad-data personali, kun ċert li dawn ma jkunux aċċessibbli għal persuni mhux awtorizzati; aqfilhom f'sejf jew f'armarju.

## PASS 5 — IDDOKUMENTA L-ATTIVITAJIET TIEGĦEK TA' PPROĊESSAR TAD-DATA

Ħejji dokument qasir li jispjega x'data personali żżomm u għal liema raġunijiet. Inti tista' tkun meħtieġ tqiegħed din id-dokumentazzjoni għad-dispożizzjoni tal-awtorità għall-protezzjoni tad-data nazzjonali tiegħek, meta din titlobha.

Dawn id-dokumenti għandhom jinkludu l-informazzjoni elenkata hawn taħt.

| EŻEMPJI | TA' INFORMAZZJONI |
|---|---|
| L-iskop tal-ipproċessar tad-data | Biex tavża lill-klijenti dwar offerti speċjali / tipprovdi konsenji fid-djar; biex tħallas lill-fornituri; biex tħallas is-salarju u s-sigurtà soċjali tal-impjegati |
| It-tipi ta' data personali | Id-dettalji ta' kuntatt tal-klijenti; id-dettalji ta' kuntatt tal-fornituri; id-data dwar l-impjegati |
| Il-kategoriji tas-suġġetti tad-data kkonċernati | L-impjegati; il-klijenti; il-fornituri |
| Il-kategoriji tar-riċevituri | L-awtoritajiet tax-xogħol; l-awtoritajiet tat-taxxa |
| Il-perjodi tal-ħżin | Id-data personali tal-impjegati sa tmiem il-kuntratt ta' impjieg (u l-obbligi legali relatati); id-data personali tal-klijenti sa tmiem ir-relazzjoni mal-klijenti/ir-relazzjoni kuntrattwali |
| Il-miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzazzjonali biex tiġi protetta d-data personali | Is-soluzzjonijiet tas-sistemi tal-IT jiġu aġġornati regolarment; armarju / sejf imsakkar |
| Jekk id-data personali tiġix trasferita lil riċevituri barra mill-UE | L-użu ta' proċessur barra mill-UE (eż. għall-ħażna fil-cloud) |

## PASS 6 — KUN ĊERT LI S-SOTTOKUNTRATTUR TIEGĦEK JIRRISPETTA R-REGOLI

Jekk inti tissottokuntratta l-ipproċessar tad-data personali lil kumpanija oħra, uża biss fornituri ta' servizz li jiggarantixxu l-ipproċessar f'konformità mar-rekwiżiti tal-GDPR (pereżempju l-miżuri ta' sigurtà). Qabel tiffirma kuntratt, iċċekkja jekk huma jkunux għamlu bidliet u aġġustamenti biex jikkonformaw mal-GDPR. Iddikjara dan fil-kuntratt.

## PASS 7 — IĊĊEKKJA JEKK JIKKONĊERNAWKX ID-DISPOŻIZZJONIJIET TA' HAWN TAĦT

> Biex tipproteġi d-data personali aħjar, xi organizzazzjonijiet jistgħu jkunu meħtieġa jaħtru Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data (UPD). **Madankollu, mhemmx għalfejn tinnomina Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data** jekk l-ipproċessar tad-data personali mhuwiex parti ewlenija min-negozju tiegħek, jekk mhuwiex ipproċessar riskjuż u jekk l-attività tiegħek mhijiex fuq skala kbira.

Pereżempju, jekk in-negozju tiegħek jiġbor data dwar il-klijenti għall-finijiet ta' konsenji fid-djar biss, mhemmx għalfejn taħtar UPD.

Anke jekk tkun teħtieġ UPD, dan jista' jkun impjegat eżistenti li jingħata dan il-kompitu flimkien mal-kompiti l-oħra tiegħu. Jista' jkun ukoll konsulent estern, bl-istess mod kif ħafna organizzazzjonijiet jużaw kontabilist estern.

> **Normalment, ma jkunx hemm għalfejn twettaq Valutazzjoni tal-Impatt tal-Protezzjoni tad-Data**

Valutazzjoni tal-impatt bħal din hija riżervata għal dawk li jippreżentaw aktar riskju għad-data personali, pereżempju jekk iwettqu monitoraġġ fuq skala kbira ta' żona aċċesibbli għall-pubbliku (eż. videosorveljanza).

Jekk inti negozju żgħir li jimmaniġġja l-pagi tal-impjegati u lista ta' klijenti, ma hemmx għalfejn twettaq Valutazzjoni tal-Impatt tal-Protezzjoni tad-Data għal dawk l-operazzjonijiet ta' pproċessar.

## Multi

L-awtoritajiet superviżorji tal-protezzjoni tad-data għandhom is-setgħa li jimponu sanzjonijiet fuq kull ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data. Huma jistgħu jadottaw miżuri korrettivi (bħal ordni jew sospensjoni temporanja tal-ipproċessar) u/jew jimponu multa.

Id-deċiżjoni tagħhom li jimponu multa trid tkun proporzjonali u bbażata fuq valutazzjoni taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ individwali.

Jekk huma jiddeċiedu li jimponu multa, l-ammont tal-multa jkun jiddependi wkoll fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż kemm ikun serju l-ksur jew jekk il-ksur kienx intenzjonali jew negliġenti. Huma jqisu wkoll l-attitudni u l-intenzjonijiet tiegħek.

# Jekk tixtieq issib aktar informazzjoni:

**1. Żur il-gwida online tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-riforma tal-protezzjoni tad-data – disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE:**

europa.eu/dataprotection/mt

**2. Ikkonsulta lill-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data nazzjonali tiegħek:**

edpb.europa.eu/about-edpb/board/members_mt

## AVVIŻ IMPORTANTI

L-informazzjoni f'din il-gwida hija maħsuba biex tikkontribwixxi għal fehim aħjar tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data tal-UE.

Din hija intenzjonata biss bħala gwida — it-test tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) biss għandu forza legali. Bħala konsegwenza, il-GDPR biss huwa responsabbli biex joħloq drittijiet u obbligi għall-individwi. Din il-gwida ma toħloq l-ebda dritt jew aspettattiva infurzabbli.

L-interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni tal-UE hija l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. L-opinjonijiet espressi f'din il-gwida huma mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna li taġixxi f'isem il-Kummissjoni Ewropea ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li ġejja.

Billi dan id-dokument jirrifletti l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku fiż-żmien meta ġie abbozzat, għandu jitqies bħala "għodda ħajja" miftuħa għal titjib u l-kontenut tiegħu jista' jkun suġġett għal modifiki mingħajr avviż.

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2018

© L-Unjoni Ewropea, 2018
L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma' s-sors oriġinali.

Print
ISBN 978-92-79-85402-6
doi:10.2838/85937
DS-02-18-544-MT-C

PDF
ISBN 978-92-79-85412-5
doi:10.2838/488373
DS-02-18-544-MT-N